MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2012

Numru. 227/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Fabian Fleri**

**vs**

**Anthony Pisani**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Anthony Pisani ta' 45 sena bin Francis u Marie Concetta nee' Mercieca, mwieled Zabbar fil-25 ta' Ottubru 1959, residenti 85A 'Bil-Lampa', Triq il-Hortan, Marsaskala u detentur tal-karta tal-identita' numru 673959(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Gewwa Marsaskala fis-17 ta' Frar 2005 ghal habta tat-20:30pm minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' bintu Annrina Pisani ta' 17-il sena, f' periklu car hebb

ghaliha u kkagunalha griehi ta’ natura gravi skond ma certifika Dr. P. Schembri MD. Medical Number 9109 c/o Casualty Dept. SLH. Bi ksur tal-art. 214 u 216(1) (a) (ii) (iii) (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 11 ta’ Marzu 2005 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-22 ta’ April 2005 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat :

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident li nqala’ f’ambitu familjari, u cioe’ fis-17 ta’ Frar, 2005 ghall-habta tat-20.30hrs fil-fond 85A, ‘Bil-Lampa, Triq il-Hortan, Marsascala fejn waqt argument li nqala’ bejn l-imputat u bintu Annrina Pisani li dak iz-zmien kellha sbatax il-sena din allegatament sofriet griehi ta’ natura gravi konsistenti fi ksur fi mnehirha.

Il-parti civili Annrina Pisani xehdet f’dawn il-proceduri fi tlett okkazzjonijiet, l-ewwel darba waqt l-udjenza tat-22 ta’ April, 2005[1], it-tieni darba waqt l-udjenza tal-24 ta’ Jannar, 2008 fejn xehdet in kontro-ezami u t-tielet darba waqt l-udjenza tad-29 ta’ Jannar, 2009 fejn regghat xehdet in kontro-ezami. Hija qalet li dakinhar tal-incident kienet id-dar u ghall-habta tat-8.00pm missierha staqsiha jekk kinitx xtrat il-hobza u meta hija rrispondiet li kienet insiet huwa beda’ jirrabja u qalilha li dejjem kienet tinsa kollox u meta hija regghat irrispondiet li xi hadd iehor kien diga’ xtara

[1] Traskrizzjoni tax-xhieda relativa nserita a fol. 20 sa 21 tal-atti processwali.

hobza huwa qalilha li hija kienet qed tahseb li kienet xi mara gewwa d-dar u resaq vicin hafna taghha, beda' jkellimha hazin u ghamel zewgt iswaba vicin hafna ta' ghajnejha u beda' jghidilha li kien ser idahhalhomlha f'ghajnejha u meta hija irrilevatlu li din kienet ser tkun it-tieni darba li huwa jerfa' idejh fuqha huwa taha daqqa ta' ras u laqatha f'imnehirha u wara li marret il-policlinic intbaghtet l-Isptar ghall-Xray fejn gie kkonstatat li kellha ksur fi mnehirha. Hija qalet li dak il-hin ma hargilhiex demm izda infarget xi tlett gimghat wara l-incident wara li kien mar id-demm maghqud. Hija qalet li missierha ma kienx liebes beritta fil-mument li taha d-daqqa ta' ras. Dan qalitu kemm meta xehdet in ezami kif ukoll meta xehdet in kontro-ezami waqt l-udjenza tad-29 ta' Jannar, 2009. Meta xehdet in kontro-ezami waqt l-udjenza tal-24 ta' Jannar, 2008 izda hija qablet mas-suggeriment li waqt l-incident missierha kien liebes beritta u taha d-daqqa bil-pizz tal-beritta. Hija cahdet li l-argument dwar il-hobza beda' ma ommha u li missierha intervjena sabiex iferraq lilha u lil ommha. Hija cahdet ukoll li xi ftit taz-zmien qabel ma nqala' l-incident kellha ncident ma' ragel barrani fejn qalghat daqqa minghand dan ir-ragel u qalet biss li kien hemm okkazzjoni fejn kien hemm ragel barrani li nizel maghha minn fuq tal-linja u beda' jsegwiha u hija cemplet lill-ommha minn fuq il-mobile u gie missierha jimxi maghha u kien hu li kellu xi jghid ma' dan ir-ragel u mar jaghmel rapport l-Ghassa. Hija qalet ukoll li wara li telqet miil-Isptar bdiet tibza' terga' tmur lura d-dar u marret toqghod f'shelter tal-Appogg f'Santa Venera.

Ikkunsidrat :

Mary Rose Pisani, omm Annrina Pisani u mart l-imputat xehdet waqt l-udjenza tat-22 t'April, 2005 in ezami u in kontro-ezami waqt l-udjenza tal-11 ta' Dicembru, 2009 fejn hija qalet li kienet fil-kcina u semghat lil bintha Annrina u lill-imputat jargumentaw fejn it-tifla kienet fil-kamra tal-banju u semghat lill-imputat jghidilha li ried jidhol sabiex ikellimha u mbaghad jghid li kien ser idahlilha zewgt iswaba f'ghajnejha. Hija tghid li mxiet lejn il-kamra tal-banju sabiex tara x'gara u meta waslet hdejn din il-kamra semghat hoss fejn rat lir-ragel jaghmel mossa

b'rasu u mbaghad huwa u t-tifla hargu mill-kamra u t-tifla l-ohra zammitha fil-kamra tal-banju sabiex ma jinqalax aktar inkwiet. Hija qalet li r-ragel taghha kwazi dejjem bil-beritta jkun izda fil-hin tal-incident ma tafx jekk kienx liebes beritta.

Ikkunsidrat :

Illi f'dawn il-proceduri xehdu wkoll zewg tobba li ezaminaw lill-parti civili immedjatament wara l-incident, u cioe' Dr. Joseph Agius Muscat li xehed waqt l-udjenza tat-22 t'April, 2005 fejn huwa kkonferma l-kontenut taz-zewg certifikati medici inseriti a fol. 13 u 14 tal-atti processwali u fejn indika li meta ezamina lil Annrina Pisani hijia kellha *swelling* u *tenderness* f'imnehirha li kienu kumpatibbli ma' *blunt trauma* u huwa rreferiha ghall-Isptar sabiex isirilha X-ray sabiex jigi determinat jekk kienx hemm ksur u in kontro-ezami waqt l-udjenza tad-29 ta' Mejju, 2008 fejn qal li ma jidhirlux li l-pazjenta kienet qaltlu li kienet tinfarag meta kienet zghira izda qal ukoll li l-fatt li wiehed jinfarag ma jfissirx li huwa ghandu jkollu nefha f'imniehru. F'dawn il-proceduri xehdet ukoll Dr. Pharah Schembri li kkonfermat ic-certifikat mediku esebit a fol. 12 tal-process u kkonfermat ukoll li kienet ghamlet X-ray lil Annrina Pisani fejn irrizulta li kien hemm ksur fl-imnieher u kien ghalhekk li hija ccertifkat il-griehi bhala li kienu ta' natura gravi. Hija qalet ukoll li sabiex gew kagunati dawn il-griehi d-daqqa kellha tinghata b'certu forza.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija fit-22 ta' Frar, 2005[2] fejn qal li t-tifla tieghu Annrina kienet taghmel li trid id-dar u ma seta' jkellimha hadd. Huwa qal li martu talbet lil Annrina sabiex tmur tixtri hobza u hija rrifjutat u nqala' argument bejn l-omm u bintha u huwa ntervjena u fis-sahna tal-argument laqat lil Annrina bil-pizz tal-beritta fuq imnehirha. Huwa qal li ressaq wiccu vicin ta' Annrina sabiex ikellimha u minghajr ma ried laqatha bil-pizz tal-beritta. Huwa cahad li kien taha daqqa ta' ras lil Annrina. L-imputat

[2] Inserita a fol. 15 tal-atti processwali.

ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-20 ta’ Mejju, 2011 fejn qal li bintu Annrina kien ikollha l-problemi ma’ kulhadd, anki l-iskola fejn kienet tiggieled mal-ghalliema. Huwa qal li dakinhar tal-incident li jifforma l-mertu tal-kawza kien intervjena sabiex iferraq lil Annrina li kienet hebbet ghal ommha minhabba argument fuq hobza. Huwa cahad li kien laqat lil bintu bil-pizz tal-beritta jew taha daqqa ta’ ras u qal li ma’ kienx qal dan il-kliem lill-Ispettur Alfred Mallia li hadlu l-istqarrija u qal li dan tal-ahhar kien gideb. Huwa qal ukoll li bintu Annrina kienet ilha minndu kienet zghira tbati bi problemi f’imnehirha fejn kienet tinfarag ta’ spiss u qal ukoll li martu u Annrina ghamlu sensiela ta’ rapporti kontra tieghu mal-Pulizija.

Ikkunsidrat :

Illi f’dan il-kaz il-Qorti trid taghmel ezercizju ta’ analizi ta’ provi sabiex tiddetermina min hu l-aktar kredibbli stante li tinsab rinfaccjata b’zewg verzjonijet konfliggenti dwar kif graw il-fatti. L-imputat prova jattakka l-kredibilita’ ta’ bintu billi allega li hija kienet tifla problematika li kienet tiggieled ma’ kulhadd u kien anki jkollha problemi mal-ghalliema l-iskola izda nonostante li gew prodotti diversi ghalliema tal-iskola fejn kienet tattendi Annrina Pisani hadd minnhom ma’ kkonferma dak allegat mill-imputat. Il-Qorti wara li semghat lil Annrina Pisani tixhed quddiemha f’aktar minn okkazzjoni wahda jidrilha li ma’ ghandha ebda raguni il-ghala tiddubita minn dak li qed tghid dwar dak li gara fl-incident li jifforma l-mertu ta’ din il-kawza. L-unika dubju huwa jekk missierha kienx liebes il-beritta o meno meta taha d-daqqa ta’ ras ghaliex kif rilevat aktar il-fuq f’zewg okkazzjonijiet hija qalet li missierha ma’ kienx liebes il-beritta filwaqt li f’okkazzjoni ohra qalet li kien liebes il-beritta. Fi kwalunkwe kaz izda il-Qorti jidrilha li dak kollu li qalet il-parti civili gie korroborat minn ommha Mary Rose Pisani u aktar u aktar mit-tobba li ezaminawha immedjatament wara l-incident fejn sar X-ray u gie riskontrat ksur f’imnehirha kif ukoll *swelling* u hmura. Allura anki jekk hemm dubju dwar jekk l-imputat kienx liebes il-beritta jew le fil-mument li ta daqqa ta’ ras lil bintu, ma hemmx dubju li huwa fil-fatt taha din id-daqqa ta’ ras u kkagunalha ksur fl-ghadma ta’ mnehirha. Il-Qorti tixtieq

tghid inoltre li l-imputat ma' kienx kredibbli meta xehed f'dawn il-proceduri fejn prova jitfa dubju fuq il-kredibilita' ta' bintu billi allega li bintu kellha problemi ma' kulhadd, haga li ma rrizultat minn imkien iehor mill-provi u billi qal li bintu kienet ilha ssofri minn problemi f'imnehirha sa minn minndu kienet zghira. Il-Qorti jidrilha li l-fatt li Annrina Pisani kienet tinfarag meta kienet zghira ma jfissirx li hija kellha jkollha ksur fl-ghadma ta' mnehirha ghaliex ma' hemm ebda konnessjoni bejn haga u ohra. Il-fatt li l-imputat prova jinnega dak li qal fl-istqarrija billi indika li l-ufficjal investigattiv kiteb dak li ried u mhux dak li qallu hu, huwa fattur iehor li jxejjen il-kredibilita' tieghu.

Il-Qorti wara li fliet bir-reqqa kollha dovuta l-provi kollha migjuba mil-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jidrilha li l-istess Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-imputazzjoni minnha migjuba fil-konfronti tal-imputat sal-grad rikjest mill-ligi u huwa sejjer ghalhekk jinstab hati tal-istess imputazzjoni.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u ma jidrilhiex li ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 214 u 216(1)(a) u (b) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' sentejn (2) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------